# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
***CITTÀ FERDINAND***

## SEDUTA NRU 289 – It-Tnejn, 13 t'Ottubru, 2014

## AĠENDA

Talba

1. Korrezzjoni tal-Minuti

2. Punti li joħorġu mill-Minuti

3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti

4. Kuntratti

5. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsillier Mario Cachia
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI SKUŻATI

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsilliera Mariette Borg li tinsab indisposta minħabba raġunijiet ta' mard. Is-Sindku ippropona li din it-talba tkun milqugħa. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 288 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

## 2.1 Laqgħa għar-residenti taz-zona ta' Kirċippu

Is-Sindku qal li din se ssir fiċ-Ċentru Santissima Trinità nhar il-Ħamis, 23 t'Ottubru fis-7.00pm. Hu appella biex il-kunsilliera jkunu kollha preżenti għal din il-laqgħa.

Fost il-punti li se jkunu diskussi hemm:

- It-tmexxija tal-Brin-in-Sites minn Triq in-Nirien għal Triq Salvatore Borg Olivier;
- is-sistema ta' parkeġġ fi Triq Salvatore Curso u
- is-sistema tat-traffiku b'mod partikolari fi Triq l-Andar u Trejqet l-Anġli.

## 2.2 Cleaning and Clearing of non-urban areas LCS 10/14

Is-Sindku qal li l-offerent kien qabel mal-proposta tal-Bord tal-Għażla i.e. li l-kuntratt jiġi iffirmat b'mod immedjat, sal-aħħar tas-sena jibqa' jitħallas bir-rata preżenti u li mill-1 ta' Jannar, 2015 dan jibda jopera skont l-offerta ta' €49,000.

Is-Sindku ippropona li għandna naċċettaw dan il-ftehim. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2.3 Proġett tal-Għolja

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li x-xogħolijiet mexjin kif ippjanat u stieden lill-kunsillieri biex iżuru l-post ħalli jkunu jistgħu isewgwu l-iżviluppi.

Rigward il-pagamenti, inbidlet is-sistema fejn l-arranġamenti l-ġodda huma hekk:
Il-Kunsill jirċievi l-invoice mingħand il-kuntrattur, flimkien maċ-ċertifikazzjoni tal-Perit, dawn jgħaddu lill-Paying Agency, li tagħmel il-verifiki tagħha, imbagħad tagħti ordni lill-Bank, biex ikun jista' jħallas lill-kuntrattur b'mod dirett mill-Kont apposta li l-Kunsill għandu mal-Bank. B'hekk il-ħlasijiet mhux qed isiru aktar permezz ta' cheque.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jgħid li minn meta seħħew dawn l-arranġamenti ġodda, l-Kunsill kien irċieva żewġ invoices waħda ta' €47,591.45 u oħra ta' €80,485.57.00
Huwa għalhekk talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex ikun jista' jgħaddihom lill-Paying Agency.

Is-Sindku żied jgħid li jista' jagħti l-kas li jibqa' xi fondi u/jew jinstabu aktar fondi u għalhekk ippropona li ssir applikazzjoni kemm mal-MAGF kif ukoll DNO mal-MEPA biex il-parti t'isfel tat-telgħa i.e. mill-ewwel statwa san-niċċa issir parti bil-madum u parti tiġi asfaltata.

Huwa qal li jkun hemm il-ħtieġa li jitwaħħlu bollards u l-bdiewa tal-post jingħataw iċ-ċwievet biex jitwaqqaf l-abbuż tad-dħul illegali ta' vetturi.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2.4 Proġett tal-Għolja – Inawgurazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Eċċellenza tiegħu Mons. Pawl Cremona, Arċisqof ta' Malta aċċetta l-istedina tal-Kunsill li l-proġett imsemmi jkun inawgurat minnu.

### 2.5 Attività tal-Milied

Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin kien se jiltaqa' s-sotto kumitat biex jippjana din l-attività.

## 3 FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillir Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4 KUNTRATTI

### 4.1 Ġbir ta' *Bulky Refuse LCS 14/12*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fit-30 ta' Novembru kienet se tiskdadi t-tieni sena tal-kuntratt tal-ġbir tal-*Bulky Refuse*. Is-Sindku ippropona li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tielet sena tiegħu. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.2 Public Conveniences LCS 24/13

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fit-30 ta' Novembru kienet se tiskadi l-ewwel sena tal-kuntratt imsemmi. Is-Sindku ippropona li qabel tiġġedded it-tieni sena tiegħu, huwa flimkien mal-Kunsillier Jesmond Tanti għandhom jiltaqgħu mal-kuntrattur. Dan il-kuntratt għandu jiġi għalhekk diskuss fis-seduta li jmiss.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.3 Street Sweeping LCS 13/12

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-31 ta' Diċembru kienet se tiskadi t-

tieni sena tal-kuntratt imsemmi. Is-Sindku ippropona li qabel tiġġedded it-tielet sena tiegħu, huwa flimkien mal-Kunsillier Jesmond Tanti għandhom jiltaqgħu mal-kuntrattur. Dan il-kuntratt għandu jiġi għalhekk diskuss fis-seduta li jmiss.

### 4.4 Supply of Asphalt

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fit-2 ta' Diċembru kienet se tiskadi t-tieni sena tal-kuntratt imsemmi. Is-Sindku ippropona li dan il-kuntratt jiġi mġedded għat-tielet sena tiegħu. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5 HWEJJEĠ OHRA

### 5.1 Kunċert mill-Każin Banda San Nikola

Is-Sindku qal li l-Każin Banda San Nikola ippropona li fil-festa ta' San Nikola fis-6 ta' Diċembru filgħaxija, jittella' kunċert b'kollaborazzjoni mal-Kunsill fis-sala taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Viċi-Sindku ippropona li din l-offerta għandha tintlaqa'. Il-Kunsillier Mario Cachia isskoneda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.2 Forum tal-Għaqdiet

Is-Sindku qal li l-laqgħa introduttorja tal-Forum tal-Għaqdiet se ssir nhar il-Ħamis, 16 t'Ottubru fiċ- Ċentru Ċiviku. Huwa appella biex il-membri tal-Kunsill ikunu kollha preżenti. F'din l-ewwel laqgħa se jkunu diskussi dawn il-punti:

- l-għanijiet tal-Forum;
- Inizjattivi komuni fejn hu possibli;
- Kalendarju komuni tal-attivitajiet;
- L-użu taċ- Ċentru Ċiviku
- Titqajjem kuxjenza pubblika dwar il-Kappella tal-Lunzjata, ta' Tal-Għolja.

### 5.3 Użu taċ-Ċentru Ċiviku mill-Grupp tal-Armar

Is-Sindku qal li rċieva diversi talbiet mill-Grupp tal-Armar biex jorganizzaw xi attivitajiet fiċ-Ċentru Ċiviku u ippropona li dawn għandhom jintlaqgħu. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.4 Wirja ta' Presepji

Is-Sindku qal li kien irċieva talba biex mis-Sibt 20 ta' Diċembru sal-Milied issir wirja ta' presepji fiċ-Ċentru Ċiviku. Hu ippropona li din it-talba għanda tintlaqa'. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.5 Użu taċ-Ċentru Ċiviku mill-Primary Health Care Unit

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saret talba mill-Blood Bank Unit biex il-Ħadd, 26 t'Ottubru jingħata s-servizz tal-għoti tad-demm fil-Berġa, kif ukoll ikun preżenti wkoll il-Primary Health Unit.

Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din it-talba. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.6 Vaċċina tal-Influwenza**

Il-Viċi-Sindku qal li kienu inkitbu 'l fuq minn 500 persuna biex jingħataw dan is-servizz. Dan se jibda jingħata wara t-18 t'Ottubru.

**5.7 Talba biex Triq l-Imqabba ssir *One-way***

Is-Sindku qal li kien avviċinat minn diversi residenti biex din it-triq issir *one-way* peró hemm fehmiet diverġenti fuq liema direzzjoni għanda ssir hekk. Il-kunsilliera ġew mitluba jiffurmaw opinjoni biex din il-materja tiġi diskussa f'seduta oħra.

**5.8 Talba għal bankin fi Triq l-Imqabba**

Is-Sindku ippropona li tintlaqa' t-talba biex issir bankina ġdida quddiem binja ġdida fi Triq l-Imqabba kantuniera ma' Triq il-Knisja l-Qadima. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.9 Talba għal *crash barrier* fi Triq il-Wied kantuniera ma' Triq Dr N Zammit**

Is-Sindku ippropona li tintlaqa' t-talba biex issir *crash barrier* f'din l-imsemmija triq. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.10 Swieqi fi Triq San Ġakbu u Triq l-Imqabba**

Is-Sindku qal li saru talbiet biex jinfetħu żewġ swieqi li kienu ingħalqu meta ingħata t-tarmac fl-imsemmija toroq. Hu ippropona li dawn għandhom jinfetħu mill-ġdid. Il-Kunsillir Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.11 Bankijiet**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti ippropona li jitwaħħlu żewġ bankijiet fi Triq il-Għid biswit il-*bus shelter*. Il-Kunsillier Nicholas Cassar talab li jitwaħħlu aktar bankijiet fi Triq mons. Mikiel Azzopardi kif kien iddeċieda l-Kunsill aktar kmieni.

Is-Sindku talab ukoll li jitwaħħlu żewġ bankijiet fil-Pjazza n-naħa taċ-Ċentru Ċiviku.

Is-Sindku qal ukoll li l-ħaddiem tal-IPSL għandu jagħmel manutenzjoni tal-bankijiet li kienu nqalgħu minn Triq Mons. FX Mangion u jitwaħħlu f'dawn il-postijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kif wieħed jista' jifhem il-ħaddiem tal-IPSl jinsab waħdu u spiss ilaħħaq biss jagħmel ix-xogħolijiet l-aktar urġenti. Il-manutenzjoni u t-twaħħil ta' dawn il-bankijiet se tiddaħħal fil-lista tax-xogħolijiet.

**5.12 Ċimiterju ta' San Teodoru**

Is-Sindku qal li hu kien kiteb darbtejn lill-Ministru Conrad Mizzi dwar l-istat diżastruż li jinsab fih dan iċ-ċimiterju. Hu appella lill-Kunsilliera biex jagħmlu kuntatt mal-Ministru biex jitwaħħal ir-rixtellu li kien inqala' mill-ħaddiema tal-Gvern meta kien qed isir xogħol ta' ristawr.

Huwa qal ukoll li kien se jqabbad lill-kuntattur tal-Kunsill biex inaddaf dan iċ-ċimiterju u ippropona li jekk sal-aħħar tax-xahar ma jitwaħħalx ir-rixtellu, dan jingħalaq b'mod temporanju mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.13 Attività tas-Saħħa**
Il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill li l-attività tas-saħħa se terġa' titella' l-Ħadd, l-1 ta' Marzu.

**5.14 Shelters tal-Pjazza**
Is-Sindku qal li hu mistenni li x-xogħolijiet jitlestew sal-aħħar ta' Novembru.

**5.15 Rinovazzjoni tal-Bandli fi Triq Pietru Felici**
Is-Sindku qal li kif wieħed jista' jifhem wasal iż-żmien li dawn jiġu rinovati kompletament. Huwa għalhekk ippropona li l-perit tal-Kunsill iħejji pjanijiet biex issir applikazzjoni mal-MEPA. Bħala finanzjament, għandna nesploraw jekk hemmx fondi tal-UE allokati għal proġetti simili, jew inkella jsiru mill-Kunsill imma l-ispiża tinfirex fuq diversi snin.
Huwa appella lill-Kunsilliera biex jesploraw aktar ideat u qal li kien se jistieden lill-Perit jiġi għas-seduta li jmiss biex tkun diskussa l-imsemmija materja.

5.16 Laqgħa tal-Lokalità
Is-Sindku ippropona li l-laqgħa tal-lokalità ssir **Nhar il-Ħamis, 4 ta' Diċembru, 2014.**
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 3 ta' Novembru fis-7:00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 3 ta' Novembu, 2014.**

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 289**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta’ Xiri u Pagamenti

**Data: 22/9/14-13/10/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | dr richard sladden | 95.00 | 95.00 | d | pf | prokuratur legali kas gasan mamo | 23.9.14 | | | | 3140 | 10386 |
| 2 | cassie cutajar | 115.20 | 115.20 | d | pf | clerikal work saturdays aug14 | 1.9.14 | | | | 3065 | 10407 |
| 3 | cassie cutajar | 144.00 | 144.00 | d | pf | clerikal work saturdays sept14 | 30.9.14 | | | | 3065 | 10407 |
| 4 | cir | 2,277.70 | 2,277.70 | d | pf | cir - sept14 | | | | | | 10418 |
| 5 | arms | 300.00 | 300.00 | d | pf | application bring in sites | | | | | 2130 | 10419 |
| 6 | arms | 300.00 | 300.00 | d | pf | application bring in sites | | | | | 2130 | 10420 |
| 7 | john borg | 461.22 | 461.22 | d | pf | 22 bench slats lcs30/14 inv190 | 10.10.14 | 190 | lcs30/14 | | 2370 | 10421 |
| 8 | mita | 4.97 | 4.97 | d | pf | email councillor n.cassar jan-march inv30 | 9.10.14 | 30698 | | | 3110 | 10422 |
| 9 | mita | 4.97 | 4.97 | d | pf | email councillor n.cassar april-june inv30 | 9.10.14 | 30698 | | | 3110 | 10422 |
| 10 | 3d | 118.00 | 118.00 | d | pf | distribution flyers inv5505 | 24.9.14 | 5505 | | | 2940 | 10426 |
| 11 | callus landscaping | 2710.16 | 2710.16 | t | pf | planting public spaces sept14 inv34 | 30.9.14 | 34 | | | 3061 | 10427 |
| 12 | daniel cutajar | 633.18 | 633.18 | t | pf | bulky sept14 inv21 666.50-33.32mf | 30.9.14 | 21 | | | 3042 | 10428 |
| 13 | antonia aquilina | 127.80 | 127.80 | d | pf | attendance library sept14 | 01.10.14 | | | | 2995 | 10429 |
| 14 | bestprint | 939.75 | 939.75 | d | pf | printing festa gheneb inv10890 | 7.8.14 | 10890 | | | 3370 | 10430 |
| 15 | bestprint | 252.00 | 252.00 | d | pf | flyers knisja l-qadima opening inv11037 | 8.10.14 | 11037 | | | 3370 | 10430 |
| 16 | ecopure | 21.25 | 21.25 | d | pf | water for dispenser inv586760 | 8.10.14 | 586760 | | | 3340 | 10431 |
| 17 | milord | 3753.46 | 3753.46 | t | pf | cleaning non urban sept14 inv8 lcs23/10 | 1.1.14 | 8 | lcs23/10 | | 3052 | 10432 |
| 18 | waste collection ltd | 4832.63 | 4832.63 | t | pf | waste sept14 inv14/277 | 30.9.14 | 0 | | | 3041 | 10433 |
| 19 | synthesis | 826.00 | 826.00 | t | pf | sm fee sept14 invlc-012 | 30.9.14 | 12 | | | 3120 | 10434 |
| 20 | pierre farrugia | 37.50 | 37.50 | d | pf | minerals inv737 | 1.10.14 | 737 | | | 3340 | 10435 |
| | **Sub Total c/f** | **€17,954.79** | **€17,954.79** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€17,954.79** | **€17,954.79** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 289 tat-13/10/14**

Kunsillier

**Data: 22/9/14-13/10/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | avantech | 19.22 | 19.22 | d | pf | maintenance photocopier sept14 inv17851 | 29.9.14 | 178512 | | | 3110 | 10436 |
| 22 | emidio camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | pc sept14 inv11 lcs24/13 | 1.10.14 | 11 | | | 3053 | 10437 |
| 23 | joseph bonello | 175.00 | 175.00 | d | pf | ghannejja festa gheneb inv1 1/10/14 | 1.10.14 | 1 | | | 3370 | 10438 |
| 24 | access | 306.80 | 306.80 | d | pf | it virtual pack oct14 inv4962 | 1.10.14 | 4962 | | | 3110 | 10439 |
| 25 | pavi | 39.05 | 39.05 | d | pf | cleaning material rec1607963 (to pay ritienn | 4.10.14 | 1607963 | | | 2220 | 10440 |
| 26 | natasha mizzi | 696.00 | 696.00 | t | pf | cleaning premises sept14 116hrsx6 | 30.9.14 | | | | 3055 | 10441 |
| 27 | anton zarb | 1019.52 | 1019.52 | d | pf | dog litter bins x 6 inv148-14 | 1.10.14 | 148-14 | | | 7240 | 10442 |
| 28 | dalton | 70.00 | 70.00 | d | pf | transport anzjani 4/8/14, 9/8/14 inv13-14 | 7.10.14 | 13-14 | | | 3362 | 10443 |
| 29 | phrf | 50.00 | 50.00 | d | pf | transport anzjani 11.9.14 inv390 | 11.9.14 | 390 | | | 3362 | 10444 |
| 30 | phrf | 50.00 | 50.00 | d | pf | transport anzjani 4.9.14 inv383 | 4.9.14 | 383 | | | 3362 | 10444 |
| 31 | phrf | 50.00 | 50.00 | d | pf | transport anzjani 18.9.14 inv396 | 18.9.14 | 396 | | | 3362 | 10444 |
| 32 | louis stationery | 435.22 | 435.22 | d | pf | postage inv326 | 7.10.14 | 326 | | | 2650 | 10445 |
| 33 | louis stationery | 118.00 | 118.00 | d | pf | newspapers july-sept14 inv327 | 7.10.14 | 327 | | | 2950 | 10445 |
| 34 | smart office | 158.71 | 158.71 | d | pf | toner inv11960 | 7.10.14 | 11960 | | | 2620 | 10446 |
| 35 | smart office | 24.07 | 24.07 | d | pf | stationery inv11872 | 6.10.14 | 11872 | | | 2620 | 10446 |
| 36 | kullegg san injazju | 15.00 | 15.00 | d | pf | nature trust fee 2014 inv3.10.14 | 3.10.14 | 3.10.14 | | | 2560 | 10447 |
| 37 | vodafone | 92.70 | 92.70 | d | pf | 99762218 sept14 inv4275887102014 | 1.10.14 | 4275887102014 | | | 2160 | 10448 |
| 38 | vodafone | 104.75 | 104.75 | d | pf | 99491670 sept14 inv4275886102014 | 1.10.14 | 4275886102014 | | | 2160 | 10448 |
| 39 | ell's urban imp | 14632.40 | 14632.40 | t | pf | patching inv433 (15402.53-770.13mf) | 3.10.14 | 433 | lcs34/12 | | 2310 | 10449 |
| 40 | ganaja | 5732.93 | 5732.93 | t | pf | pavements triq il-parrocca 6034.66-30.73 | 1.10.14 | | | | 2311 | 10450 |
| | **Sub Total c/f** | **€24,341.00** | **€24,341.00** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€17,954.79** | **€17,954.79** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€42,295.79** | **€42,295.79** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 289 tat-13/10/14**

Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 289**

**Data: 22/9/14-13/10/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | ganaja | 4037.50 | 4037.50 | t | pf | removal of trees pjazza/shelter works inv2 | 22.9.14 | 22.9.14 | | | 2370 | 10450 |
| 42 | employees | 4979.75 | 4979.75 | d | pf | salaries sept14 | | | | | 0 | |
| 43 | sciberras & lia | 347.56 | 347.56 | d | pf | drittijiet kas gasan mamo avviz 283/11 | 19.8.14 | 26 | | | 3140 | |
| 44 | the guard & warden | 51.48 | 51.48 | d | pf | service triq il-mithna 12/9/14 invgs00123 | 30.9.14 | 1233 | | | 3191 | |
| 45 | | | | | | | | | | | | |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€9,416.29** | **€9,416.29** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€9,416.29** | **€9,416.29** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 289 tat-13/10/14**

Kunsillier